MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru 727/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**vs**
**John Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra John Busuttil ta' 42 sena, bin Michael u Olga nee' Schembri, imwieled Pieta' fl-1 ta' Novmebru 1958 u residenti fil-fond, "Ta'Giovanna ', Triq l-Egrett l-Isfar, Luqa, detentur ta' identita numru 711758(M) akkuzat talli:

f'Hal Luqa, fis-06 ta' Frar 2001, jew fil-granet ta' qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi ffalsifika certifikat ta' Vehicle

Roadworthiness Test ghall-karozza Fort Escort MK. I, bin-numru tar-registrazzjoni LAI-213, ai termini ta’ l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkonsidrat:

Hemm l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat li ippersista fiha wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi taghha u taghtu zmien jikkonsidera.

Wara li semghet it-trattazzjoni fuq il-piena u kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha; rat l-Artikolu 183 tal-Kap 9 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------